# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 19 ta' Settembru 2001**

**Numru**

**Rikors Kost. Nru:  725/99 DS**

**Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Dawn il-proceduri gew inizjati b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili pprezentat fis-17 ta' Novembru 1999. Fihom ir-rikorrenti jallega illi d-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali gew miksura peress illi, bil-mod kif saru s-surrogi ta' l-Imhallfin fil-Qorti

Kostituzzjonali fil-kawza kostituzzjonali Citazzjoni Numru 780/95, huwa ma setax ikollu smiegh xieraq minn tribunal indipendenti w imparzjali.

Fis-17 ta' Marzu 1999 l-Onorevoli Imhallef Dr. Joseph D. Camilleri kien astiena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess appell. Fuq parir ta' l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja u wara r-rakkommandazzjoni ta' l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef l-Eccellenza Tieghu l-President tar-Repubblika ssurroga floku biex jisma' lill-istess appell lill-Onorevoli Imhallef Dottor Joseph A. Filletti.

B'digriet tat-8 ta' April 1999 fl-istess proceduri fil-Qorti Kostituzzjonali giet milqugha eccezzjoni ta' rikuza maghmulha mir-rikorrenti fil-konfront ta' l-Unur. Tieghu l-Prim Imhallef u ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Carmel A. Agius billi huma kienu taw parir dwar materja li ghandha x'taqsam mal-kawza. Ukoll fuq parir tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja wara rakkommandazzjoni ta' l-Unur Tieghu l-Prim'Imhallef gew surrogati flok l-Imhallfin rekuzati l-Onorevoli Imhallfin Dottor Franco Depasquale u Dottor Albert J. Magri.

Is-surrogi kollha fuq imsemmija saru ai terminu ta' l-Artikolu 101A (13) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'effett ta' dawn is-surrogi gie li l-appell instema' u gie determinat minn Qorti komposta minn gudikanti specjalment maghzulin fuq il-parir tal-parti avversarja. (Riferenza, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghall-Ministru tal-Gustizzja, parti mill-Ezekuttiv).

Di piu' dawn l-istess gudikanti ntghazlu skond ir-rakkommandazzjoni ta' l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef u dan meta l-istess appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali "*...huwa intiz sabiex "inter alia" jigu dikjarati nulli u bla effett disposizzjonijiet tal-ligi li jaghtu poteri lill-istess Prim Imhallef,...*". U meta l-istess Prim Imhallef kien ta parir dwar materja li ghandha x'taqsam mal-kawza tant li, kif inghad, giet milqugha l-eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront tieghu.

L-Avukat Generali rrisponda b'dan il-mod fis-26 ta' Novembru 1999:

1. "Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni taghti xi ordni jew provvediment iehor li jorbot il-Qorti Kostituzzjonali, u li l-vertenza mqajjma bir-rikors *de quo* giet imqajjma quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghandha tigi decizjoni minnha;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ghandu r-rapprezentanza guridika tal-Gvern, izda mhux tal-Qorti Kostituzzjonali, u allura l-kawza ma kellhiex tigi prosegwita kontra tieghu;

3. Illi fil-mertu jekk l-Imhallfin li llum qed jikkomponu l-Qorti Kostituzzjonali ghandhom interess fil-mertu, jezisti r-rimedju tar-rikuza, jekk ma jezistix dak l-interess din il-kawza mhi xejn hlief tentattiv biex tinsabbja procedura biex il-vertenza principali li ilha ghaddejja dawn l-ahhar hames snin ma tigix rizolta a vantagg ta' min qieghed igawdi mis-sitwazzjoni anomola li tqajjmet fiha;

4. Illi f'kull kaz il-vertenza imqajjma hi frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez."

Wara li tqajjmu diversi punti ta' natura legali quddiem il-Prim'Awla li jew gew minnha decizi (anke diversament presjeduta) jew gew irtirati mir-rikorrenti (ara per ezempju verbal tat-2 ta' Mejju 2000) u wara li saru noti ta' osservazzjonijiet estensivi mill-partijiet (dik tar-rikorrenti fis-27 ta' Lulju 2000 bir-risposta ta' l-intimat fit-30 ta' Awissu 2000) il-kawza giet finalment deciza fuq il-meritu fil-21 ta' Novembru 2000).

Il-parti rilevanti tas-sentenza fil-Prim'Istanza hekk tghid:

> "Ikkunsidrat illi:
>
> ***<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat</u>***
>
> Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat qieghed iqajjem zewg punti:
>
> 1. li din il-Qorti m'ghandliex gurisdizzjoni li b'xi mod torbot lill-Qorti Kostituzzjonali, u
> 2. li l-vertenza li qajjem ir-rikorrent b'dan ir-rikors, tqajmet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk ghandha tigi deciza minnha.
>
> Il-Qorti se tittratta l-ewwel it-tieni punt, cioe' dak fejn l-intimat qieghed jippretendi li galadarba din il-vertenza qamet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali allura jmissha giet deciza minnha. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu r-rikorrent jippuntwalizza li s-sottomissjoni ta' l-intimat li l-vertenza in ezami tqajmet quddiem il-Qorti Kostituzzjonali hija zbaljata peress li kull ma ghamel kien li talab lill-Qorti Kostituzzjonali taghtih zmien biex jistitwixxi kawza kostituzzjonali, u ghamel referenza ghall-verbali relattivi li saru fil-25 ta' Marzu 1999 u fil-21 ta'Mejju 1999. Ghalhekk jissottometti li dak odjern huwa "kawza litigandi gdida u indipendenti". Skond l-intimat,

il-kwistjoni odjerna kellha tigi deciza mill-Qorti Kostituzzjonali stess.

Issir ghalhekk riferenza l-ewwelnett glal dak li l-Kostituzzjoni taghna stess tipprovdi fl-artikolu 46:

*"(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonjjiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonjjiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha,… tista' bla hsara glal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju."*

Jigifieri huwa sufficjenti li persuna tallega li xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tieghu ser tigi miksura sabiex jitlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tielu konjizzjoni ta' l-ilment tieghu. Mir-rikors promotur huwa evidenti li r-rikorrent qieghed jadixxi din il-Qorti skond kif inhuwa previst fl-imsemmi artikolu. U l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali li mbaghad sanata fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu 46:

*"(2) Il-Prim 'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (l) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnjiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna."*

Huwa veru li meta wiehed imbaghad jezamina s-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 46 jidler li meta tqum kwistjoni dwar ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, l-istess tista' tiddisponi mill-kwistjoni mqajma. Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Difatti s-subartikolu (3) glandu jigi interpretat li jaghti gurisdizzjoni kemm lill-Prim'Awla f'Sede Kostituzzjonali kif ukoll lill-Qorti Kostituzzjonali biex jiddeterminaw kwistjonijiet li jqumu quddiemhom dwar il-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45, mentri

Qrati ohra "ghandhom" jibaghtu l-kwistjoni quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Sede Kostituzzjonali. Kif pero' tajjeb irriteniet din il-Qorti kif diversament presjeduta f'kawza ohra fl-istess ismijiet (Rikors Nru. 736/00) deciza fl-4 ta' Settembru 2000: "Din il-gurisdizzjoni pero' ma ghandliex u ma tistax tigi interpretata b'mod illi twassal biex iccahhad id-dritt moghti lill-individwu taht is-subartikolu (1) ta' l-istess Artikolu 46" u "Dan il-principju huwa konformi mhux biss ma' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni izda wkoll mas-subartikolu (4) ta' l-istess Artikolu 46."

Dwar il-punt sollevat mill-intimat li din il-Qorti m'ghandliex gurisdizzjoni torbot il-Qorti Kostituzzjonali, huwa sufficjenti li ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali stess fil-15 ta' Marzu 1996 fil-kawza fl-ismijiet "Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et" fejn gie deciz hekk:

> *"Finalment il-Qorti tinnota li dan hu proprju l-kaz klassiku fejn zball, zvista jew nuqqas tal-Qorti Kostituzzjonali seta' jigi rettifikat kieku kien accessibbli ghal-litiganti rimedju taht il-procedura ta' ritrattazzjoni f'dan l-istadju. Dan mill-istess Qorti u bl-applikazzjoni ta' provvedimenti procedurali li jaghtu rimedju taht il-ligi ordinarja tal-procedura.* ***Mhux allura bl-anomalija li qorti ta' grad inferjuri tinvestiga l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali - bhala qorti ta' l-ewwel istanza — u dana taht id-dell tqil ta' akkuza li ivvjolat id-drittijiet fundameniali tac-cittadin li hi fid-dover taghha li thares . Dana jinghad naturalment bla ma jitnaqqas xejn mill-valur tal-principju li kulhadd hu soggett ghall-istess ligi u li anke l-Qorti jew komponenti taghha jistghu jkunu msejha jirrispondu ghal allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fis-senatenza taghha fil-kawza bl-ismjjiet 'Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et' deciza fis-6 ta'April 1995."***

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddipartixxi minn tali pronunzjament; wara kollox kull Qorti, anke l-istess Qorti Kostituzzjonali, hija marbuta bil-Kostituzzjoni u bil-provvedimenti li jirrigwardaw id-drittijiet fundamentali

tal-bniedem. U skond l-istess Kostituzzjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede taghha Kostituzzjonali ghandha gurisdizzjoni originali biex tezamina jekk sehhx allegat ksur ta' dawk id-drittijiet. Inoltre ma tarax kif tista' din il-Qorti torbot lill-Qorti Kostituzzjonali kif jissuggerixxi l-intimat meta kull decizjoni taghha hija fi kwalunkwe kaz soggetta ghall-appell quddiem l-istess Qorti Kostituzzjonali.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat hija michuda.

***<u>Dwar it-tieni eccezzjoni ta' l-intimat</u>***

Jigi osservat li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-Avukat Generali ma jikkummenta xejn dwar din l-eccezzjoni. Mill-banda l-ohra r-rikorrent iccita gurisprudenza lokali biex juri li huwa proprju l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal dik il-gurisprudenza u tirreferi wkoll ghas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181 B li jipprovdi:

> *"L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonjjiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Fuq l-iskorta ta' dik il-gurisprudenza u a tenur ta' l-imsemmi subartikolu, huwa proprju l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni.

It-tieni eccezzjoni hi b'hekk ukoll michuda.

***<u>Dwar it-tielet eccezzjoni ta' l-intimat u r-rimedju tar-rikuza</u>***

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-Avukat Generali jispjega li b'din l-eccezzjoni ma jridx ifisser "illi jekk is-surrogi de quo jiksru d-drittijiet tar-rikorrenti allura r-rimedju hu r-rikuza tal-imhallfln surrogati. Dak li qieghed ighid l-esponenti fit-tielet eccezzjoni tieghu hu illi jekk quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li trid tiddeciedi dwar il-validita' tas-surrogi l-Imhallfin komponenti l-istess Qorti ghandom interess fil-kwistjoni tas-surroga, allura r-rimedju ghal dak l-interess u **bias** mhux li jsir rikors

separat, izda illi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali stess l-Imhallfin surrogati jigu rekuzati ghax ghandhom interess."

Il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb ta' l-intimat. Il-Qorti diga' esprimiet il-fehma taghha li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 46 ma jistax jigi interpretat li jichad id-drittijiet ta' l-individwu taht is-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu 46. Barra minn hekk, jekk Qorti ma tkunx giet komposta regolarment hija ma tkunx tista' tibda tiffunzjona u tippronunzja ruhha fuq il-materja migjuba quddiemha. Ghalhekk irid l-ewwel jigi determinat jekk surroga tkunx saret validament imbaglad, f'kaz ta' ezitu pozittiv, dik il-Qorti stess li quddiemha tqajmet il-kwistjoni tar-rikuza, tghaddi biex tiddeciedi dwar l-istess rikuza (ara wkoll f'dar-rigward is-sentenza precitata fl-ismijiet "Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali" deciza fl-4 ta' Settembru 2000 - rikors nru. 736/00 NA).
It-tielet eccezzjoni in kwantu lekk spjegata mill-intimat hija ghalhekk ukoll michuda.

***Dwar il-mertu***

Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jimpunja s-surroga ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Joseph Filletti li saret wara l-astensjoni ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Joseph D. Camilleri u s-surroga ta' l-Onorevoli Imhallfin Dottor Franco Depasquale u Dottor Albert J. Magri li saret wara li ntlaqghet l-eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront ta' l-Unur Tieghu l-Prim Imhallef u ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Carmel A. Agius.

In materja l-Qorti taghmel riferenza l-ewwel ghall-provvedimenti relattivi tal-ligi taghna, u senjatament il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u l-Kostituzzjoni.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 tal-Kap 12 jipprovdi li l-President ta' Malta ghandu jassenja lil kull wiehed mill-Imhallfin il-qorti jew sezzjoni tal-qorti li fiha ghandu joqghod, u jista' jbiddel imhallef minn qorti jew sezzjoni ta' qorti ghal ohra. Is-subartikolu (2) imbaghad ighid li l-President ta' Malta ghandu wkoll is-setgha li jissurroga wiehed iehor mill-imhallfin jew agent imhallef, minflok l-imhallef li jkun mahtur biex joqghod f'wahda partikolari

mill-qrati, meta dan ikun, fil-kazijiet imsemmijin f'dan il-Kodici, rikuzat jew xort'ohra impedut skond il-ligi. Relatat ma' dawn il-poteri, is-subartikolu (13) ta' l-artikolu 101 A tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

*"Is-setghat tat-President taht kull ligi, dwar is-surroga ta' l-imhallfin u l-magistrati u dwar tqassim ta' dmirijiet ta' l-imhallfin u l-magistrati, ghandhom jitwettqu fuq il-parir tal-Ministru responsabbli ghall-gustizzja, b'dan illi l-Ministru ghandu, fl-ghoti ta' dak il-parir lill-President, jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni li tkun saritlu mill-Prim Imhallef".*

Ir-rikorrent jikkontendi li sija r-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef u sija l-pariri tal-Ministru (kif ukoll l-intervent ta' l-Avukat Generali) fil-process li wassal ghall-ghazla ta' l-imhallfin nominati bis-surrogi impunjati jiksru d-dritt tieghu ghal smigh xieraq minn tribunal li jidher li huwa indipendenti u imparzjali.

Dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef: Ir-rikorrent isostni li l-ghazla tat-tliet imhallfin biex jisimghu l-appell tieghu saret skond ir-rakkomandazzjoni ta' persuna li ddikjarat formalment li ma setghetx tisma' l-istess appell ghax fil-konfront taghha kienu jissussistu ragunijiet bizzejjed sabiex hija tigi rikuzata u ghalhekk tribunal kostitwit skond ir-rakkomandazzjoni ta' persuna li ma taghtix garanzija ta' imparzjalita' ma jistax jidher bhala tribunal imparzjali. Sostna wkoll li mhux koncepibbli li f'kawza fejn qed tigi dibattuta l-validita' o meno ta' certi poteri tal-Prim Imhallef, wahda mill-persuni li ghandha sehem fl-ghazla tal-gudikanti biex jisimghu dik il-kawza hija proprju l-Prim Imhallef.

Imparzjalita' tfisser "lack of prejudice or bias" *(Piersack v. Belgium,* Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, A 53 (1982)). *F'Hauschildt v. Denmark* (A 154 para 46 (1989)), il-Qorti Ewropea qalet:

*"The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and*

> *also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*

Fit-trattat taghhom "Law of the European Convention on Human Rights, l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick jikkummentaw hekk b'riferenza ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea:

> *"As to the subjective test, the question is whether it can be shown on the facts that a member of the court 'acted with personal bias' against the applicant. In this connection, there is a presumption that a judge is impartial, 'until there is proof to the contrary* '...omissis... *The objective test of 'impartiality' is comparable to the English law doctrine that justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this contaxt, the Court emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated, 'what is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging impartiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'. If there is a 'legitimate doubt' as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case.*

*F'Daktaras v Lithuania,* deciza mill-Qorti Ewropea fl-10 ta' Ottubru 2000 u li ghaliha ghamel riferenza r-rikorrent, irriaffermat dawn il-principji:

> *"The Court recalls that there are two aspects to the requirement of impartiality in Article 6 para. 1 of the Convention. First, the tribunal must be subjectively impartial, i.e. no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias. Personal impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary. Secondly, the tribunal must also be impartial from an objective viewpoint, i.e. it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see Academy Trading Ltd.*

> *and Others v. Greece, no. 30342/96, 4.4.2000, para. 43).”*

Qalet ukoll:

> *“Under tle objective test, it must be determined whether there are ascertainable facts, wlicl may nevertleless raise doubts as to their impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all in the parties to the proceedings (ibid. para. 45).”*

Fil-kaz in ezami t-test soggetiv ma jippresta l-ebda diffikulta’ peress li m’hemm l-ebda prova ta’ “bias” personali da parti ta’ l-Onorevoli Imhallfin surrogati u lanqas da parti tal-Prim Imhallef fir-rakkomandazzjonijiet tieghu, u lanqas jidher li r-rikorrent qed jallegah. Il-kontenzjoni principali tar-rikorrent tirrigwarda t-test oggettiv, cioe’ li bil-fatt li s-surrogi saru fuq rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef, li kien gie rikuzat, ma jistax jiggarantixxi l-apparenza shiha ta’ indipendenza u imparzjalita’. F’dar-rigward ir-rikorrent iccita l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Ewropea *Daktaras v. Lithuania* fejn dik il-Qorti sabet li *“the applicant‘s doubts as to the impartiality of the Supreme Court may be said to have been objectively justified”* u konsegwentement iddikjarat li kien hemm ksur ta’ l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Il-fatti f’dik il-kawza kienu s-segwenti: il-President tas-Sede Kriminali tal-Qorti Suprema pprezenta “cassation petition” quddiem l-imhallfin f’dik is-Sede wara talba li saret mill-imhallef tal-Prim’Istanza li ma kienx soddisfatt bid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell. Il-President talab ir-revoka tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell u l-konferma tas-sentenza moghtija fil-Prim’Istanza. L-istess President imbaghad innomina l-”Judge Rapporteur” u l-komponenti tal-Qorti li kellha tezamina l-kaz. Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-petizzjoni tal-President u l-Qorti Suprema eventwalment laqghet l-istess petizzjoni. Il-Gvern tal-Lithuania argumenta li r-rwol tal-President kien biss li jaghti opinjoni imparzjali u indipendenti fuq il-fatti u l-punti ta’ drift involuti fil-kaz. Il-Qorti Ewropea qalet li:

> *"the Court considers that such an opinion cannot be regarded as neutral from the parties' point of view. By recommending that a particular decision be adopted or quashed, tle President necessarily becomes the defendant's ally or opponent."*
> *"In the present application the President was in effect taking up the case of the prosecution because at the cassation learing the President's petition was contested by the applicant but endorsed by the prosecution which had not itself lodged a cassation appeal."*

U aktar 'il quddiem:

> *"when the President of the Criminal Division not only takes up the prosecution case but also, in addition to his organisational and managerial functions, constitutes the court, it cannot be said that, from an objective standpoint, there are sufficient guarantees to exclude any legittimate doubt as to the absence of inappropriate pressure. The fact that the President's intervention was prompted by the first instance judge only aggravates the situation."*

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Ewropea ma tistax tigi applikata b'analogija ghall-kaz odjern Ma jista' b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni jinghad li l-Prim Imhallef qieghed *"taking up the prosecution case* **".** Kuntrarjament ghar-rwol tal-President tas-Sede Kriminali tal-Qorti Suprema tal-Lithuania li kien wiehed attiv, billi hu stess ipprezenta petizzjoni fil-kassazzjoni biex tigi revokata sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, rwol li huwa ghal kollox aljen ghas-sistema guridika ta' pajjizna, il-Prim Imhallef, laqa' t-talba ghar-rikuza tieghu fil-proceduri fl-istadju ta' l-appell. Certament dan kien mezz ta' kif il-gustizzja mhux biss issir izda anke tidher li qed issir, u dan in vista tal-fatt li huwa *Deputy Chairman* tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja mwaqqfa bl-artikolu lOlA tal-Kostituzzjoni u dwar liema provvedimenti r-rikorrenti istitwixxa l-azzjoni originali tieghu. F'dik il-mansjoni, il-Prim Imhallef ma jista' jezercita l-ebda *"inappropriate pressure"* peress li mhix il-funzjoni tieghu li jipprezenta quddiem il-Qrati l-opinjoni tieghu blal fil-

kaz tal-President tas-Sede Kriminali tal-Qorti Suprema tal-Lithuania. Il-funzjoni tieghu li, fil-kaz odjern, limitata ghar-rakkomandazzjonijiet li ghamel jew li jista' jaghmel taht l-artikolu lOlA (13) tal-Kostituzzjoni, funzjoni li bl-ebda mod ma jista' jinghad li biha "ma jistax jiggarantixxi l-apparenza shiha ta' indipendenza u imparzjalita'" tal-komponenti tal-Qorti nominati skond ir-rakkomandazzjoni tieghu. Hija biss funzjoni manigerjali. Wara kollox anke l-Imhallef sedenti gie surrogat fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess Prim Imhallef, u dwaru ma saret l-ebda oggezzjoni.

Ghalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrent f'dar-rigward huwa infondat.

Dwar il-pariri tal-Ministru responsabbli ghall-gustizzja: Ir-rikorrent jilmenta li meta l-Ministru tal-Gustizzja ta l-pariri tieghu relativi ghas-surrogi impunjati, kienet effettivament il-parti avversarja ghalih li specifikament ghazlet il-gudikanti biex jisimghu l-appell kostituzzjonali pendenti bejnu u l-Gvern ta' Malta. U fir-rigward tas-surroga ta' l-Onor. Imhallef Filletti kien hemm ukoll intervent ta' l-Avukat Generali stess.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rizervi tar-rikorrent mhumiex fondati, u dan apparti dak li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar l-insindakabilita' da parti tal-Qrati ta' l-agir tal-President ta' Malta meta dan huwa mehtieg skond il-Kostituzzjoni li jagixxi fuq il-parir ta' xi persuna. In vista tal-fatt li saru l-provi relattivi, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tezamina l-qofol ta' dak l-artikolu stante li fil-proceduri fl-istadju tal-appell gew prodotti l-provi relattivi, senjatament ix-xhieda ta' Dr. Austin Gatt li fiz-zmien relattiv kien Segretarju Parlamentari fl-Ufflcju tal-Prim Ministru b''responsabbilta' ghall-Qrati tal-Gustizzja, u kopja tal-verbali ta' dik ix-xhieda esebita f'dawn il-proceduri.

Mix-xhieda tieghu moghtija fil-25 ta' Marzu 1999 jirreferi ghall-minuta ta' l-Avukat Generali li tghid *"Red 187 is a draft notice relating to the duties of Judges is* (sic!) *recommended by the Clief Justice. Subject to your approval you may wish to advice* (sic!) *His Excellency the President accordingly."* Din in-nota qed tirreferi lil dak iz-zmien Segretarju Parlamentari ghar-

rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef. Oltre dan, il-kliem *"Subject to your approval"* huma superfluwi u skorreti peress li l-artikolu 101 A( 13) tal-Kostituzzjoni jorbot lill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja li *'jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni li tkun saritlu mill-Prim Imhallef".* U hekk fil-fatt gara. Dr. Gatt ibbaza l-parir tieghu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef. Jigifieri hu ma ghazel lil hadd izda agixxa skond il-Kostituzzjoni. U dan japplika ghaz-zewg surrogi impunjati. U billi gie diga' stabbilit li r-rakkomandazzjonijiet tal-Prim Imhallef ma setghux jiksru d-dritt tar-rikorrent ghas-smigh xieraq, *multo magis* il-pariri tal-ministru responsabbli ghall-gustizzja li agixxa skond dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Din il-procedura ma tista' bl-ebda mod timpingi fuq l-imparzjalita' tal-gudikant fil-konsiderazzjonijiet li jkun ser jaghmel fuq il-mertu tal-kaz u ghalhekk la ghandha u lanqas tista' teffetwa d-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq. Il-bizghat tar-rikorrent ghalhekk mhumiex oggettivament fondati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent. Bl-ispejjez li stante c-cahda ta' l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-intimat, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza r-rikorrent hass ruhu aggravat u pprezenta appell permezz ta' rikors fl-1 ta' Dicembru 2000.

Kif jinghad fl-istess rikors ta' l-appellant l-aggravju tieghu jikonsisti kemm billi l-Ewwel Qorti ma sabet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu rizultat tal-fatt li s-surrogi fil-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Citazzjoni Numru 760/95 kienu saru wara rakkommandazzjoni tal-Prim Imhallef, kif ukoll illi l-istess surrogi saru fuq parir tal-Ministru tal-Gustizzja, jigifieri l-

Gvern ta' Malta u ghalhekk il-parti avversarja f'dawn il-proceduri.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa illi filwaqt li huwa jibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-allegat nuqqas ta' <u>indipendenza</u> kif ukoll ta' <u>imparzjalita'</u> rizultanti mill-mod kif saru s-surrogi, l-Ewwel Qorti njorat wiehed minn dawn l-aspetti u cioe' l-aspett ta' l-<u>indipendenza</u>.

Fit-tieni lok, skond l-appellant, l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha sabiex waslet ghall-konkluzzjoni dwar l-aspett ta' tribunal imparzjali injorat ghal kollox is-sottomissjonijiet li huwa kien ghamel fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu. Dwar in-nuqqas ta' imparzjalita' fir-rakkommandazzjoni li kien ta l-Prim Imhallef l-appellant isostni illi:

**1.** Il-Prim Imhallef kien gia' rrikuzat meta ffirma l-ewwel surroga fil-waqt illi t-tieni surroga saret konsegwenza tad-digriet tar-rikuza tieghu;

**2.** Il-Prim Imhallef, il-persuna li rrakkommandat lil dawn l-Imhallfin, "*kienet proprju persuna li ma setghetx taghti dik il-*

*garanzija ta' imparzjalita' li tirrikjedi l-ligi*". Di piu' "*Huwa assolutament assurd u inkoncepibbli li persuna li ma tissoddisfax it-test ta' l-imparzjalita' ghall-finijiet ta' l-appell ta' l-esponent tithalla tezercita l-gudizzju taghha ghall-ghazla tal-gudikanti biex jisimghu l-istess appell, kompriza l-ghazla tal-gudikant li ghandu joqghod minflokha!*" u ghalhekk "*F'ghajnejn il-pubbliku, tribunal kostitwit skond ir-rakkomandazzjoni ta' persuna li ma taghtix garanzija ta' imparzjalita' ma jistax jidher bhala tribunal imparzjali.*"

**3.** L-appell fil-Qorti Kostituzzjonali jikkoncerna talba sabiex jigu ddikjarati nulli u bla effett certi disposizzjonijiet tal-ligi li, *inter alia*, jaghtu poter lill-Prim Imhallef senjatament l-Artikolu 101A (13) tal-Kostituzzjoni kif ukoll is-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu 11 ta' l-istess Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 8 u 9 ta' l-Att XI tal-1994 illi jaghtu poteri lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja illi taghha l-istess Prim Imhallef huwa Deputy Chairman. In sostenn ta' dan it-tieni aggravju tieghu l-appellant isemmi zewg sentenzi tal-Qorti Ewropea "Piersack vs Belgium" tal-1 ta' Ottubru 1982 u "Langborger vs Sweeden" tat-22 ta' Gunju 1989.

It-tielet aggravju ta' l-appellant huwa li ma qabilx mal-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-principji enuncjati fis-sentenza tal-Qorti Ewropea "Daktaras vs Lithuania" deciza fl-10 ta' Otubru 2000 (u esebita minnu fil-Prim'Istanza b'nota tat-23 ta' Ottubru 2000) ma japplikawx ghal-kaz odjern. Skond l-appellant il-partecipazzjoni tal-Prim Imhallef ghalkemm irrikuza ruhu baqghet wahda attiva fil-proceduri gudizzjarji relattivi "*billi ghamel ir-rakkommandazzjoni ghas-surroga tieghu u ghas-surroga taz-zewg Imhallfin l-ohra in kwistjoni*". Dan, skond l-appellant, zgur li ma jaghtix l-apparenza shiha ta' indipendenza w imparzjalita'.

Fir-raba' lok l-appellant isostni illi l-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-parir tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja sabiex saru s-surrogi impunjati ma jilledix id-dritt ghal smiegh xieraq minn tribunal imparzjali saret fuq premessi kompletament zbaljati u dan ghaliex l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-ewwel proviso ghall-Artikolu 101A (13) li jaghti *residual powers* lill-Ministru tal-Gustizzja li, fejn jidhirlu, jista' jinjora r-rakkommandazzjoni tal-Prim Imhallef u jaghti parir lill-President tar-Repubblika kif jidhirlu xieraq. Skond l-esponent ghalhekk, "*La darba din il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti hija zbaljata stante li hija bazata fuq premessa zbaljata,*

*il-kwistjoni relativa trid tigi ezaminata mill-gdid, u, ghalhekk, l-esponent qieghed jirriproduci l-parti rilevanti tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ghall-konsiderazzjoni ta' dina l-Onor. Qorti*". In sostenn ta' dan l-aggravju l-esponent jaghmel riferenza ghal kawza ohra deciza mill-Qorti Ewropea u cioe' "Lithgow and others vs United Kingdom" tat-18 ta' Lulju 1986 u ghal "Bramelid and Malmström vs Sweden" konkluzzjoni invece tal-Kummissjoni Ewropea.

Finalment il-hames aggravju ta' l-appellant huwa illi fil-konkluzzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti injorat kompletament dak li qal l-esponent fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu pprezentata fil-Prim'Istanza dwar in-nuqqas ta' *equality of arms* naxxenti mill-mod kif saru s-surrogi in kwistjoni u f'dan il-kuntest jikkwota s-sentenza tal-Qorti Ewropea in re "Foucher vs France" tat-18 ta' Marzu 1997.

L-intimat Avukat Generali, appellat f'dawn il-proceduri, ghamel ir-risposta tieghu fil-11 ta' Dicembru 2000. Jghid illi filwaqt illi huwa ma kienx jaqbel mal-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tieghu u fejn accettat il-produzzjoni tal-verbal tax-xhieda quddiem din il-Qorti fil-kawza "Onorevoli Anton Depasquale vs Prim Ministru et"

kawza li gia' ghaliha saret riferenza huwa ma kienx sejjer jinterponi appell incidentali u kien sejjer jillimita ruhu ghar-risposta.

Isostni illi l-appellant ma gab ebda argument gdid in sostenn tat-talbiet tieghu li jistghu jwasslu ghall-konkluzzjoni illi huwa ma kellux smiegh xieraq quddiem Qorti indipendenti w imparzjali. Di piu' "*...l-esponent ma ghandu l-ebda argument ma' l-awturi w is-sentenzi appellati - jerga' jsostni postu pero' illi l-istess sentenzi u citazzjonijiet ma japplikawx ghal fatti ta' din il-kawza fejn l-Imhallfin surrogati gew hekk surrogati skond skema miftiehma minn qabel bejn l-Imhallfin. Kien skond dik l-iskema li l-Prim Imhallef ghamel ir-rakkomandazzjoni tieghu u kien skond l-istess rakkomandazzjoni li l-esponent u l-Minsitru taw il-parir taghhom*". Il-proviso ta' l-Artikolu 101A (13) ma kienx jinkwadra ruhu fil-kwistjoni u ma setax biddel il-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti.

Wara li saru diversi astensjonijiet mill-Imhallfin komponenti din il-Qorti, l-Qorti giet finalment kif prezentement komposta meta fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2000 l-appellant qajjem zewg punti preliminari u cioe': (1) eccezzjoni ta' rikuza ta' l-Onorevoli Imhallef Giannino Caruana Demajo; u (2) talba biex din il-

Qorti tissopprassjedi *pendente* l-ezitu finali tar-rikors 736/00NA pendenti quddiem din il-Qorti diversament komposta. Dawn il-punti preliminari gew decizi billi t-talbiet ta' l-appellant gew michuda b'sentenzi parzjali ta' din il-Qorti tal-1 ta' Gunju 2001 u 13 ta' Gunju 2001 rispettivament fejn l-appell gie differit ghat-18 ta' Lulju 2001 ghat-trattazzjoni finali fuq il-meritu. F'din is-seduta wara li gietipprezentata nota mill-appellant li ghaliha l-appellat ma sabx oggezzjoni, l-appell gie ttrattat fil-meritu u differit ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti hadet konjizzjoni fl-ghotja tas-sentenza taghha fuq il-meritu sew tan-nota responsiva ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Awissu 2000 u sew tad-dokument esebit mir-rikorrenti bin-nota tieghu tat-23 ta' Ottubru 2000. Dwar din l-ahhar nota w in-nota tar-rikorrenti fejn irrileva illi n-nota responsiva ta' l-Avukat Generali giet ipprezentata *fuori termine* l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2000 talbet biss xi kjarifiki. Fl-ebda mument ma inghata provvediment anqas fil-korp tas-sentenza. Dwar dan pero' ma sar ebda appell u ghalhekk din

il-Qorti mhijiex sejra tiehu aktar konjizzjoni fir-rigward. Lanqas ma hija sejra tiehu konjizzjoni u dana minkejja li gew issollevati xi punti in materja fit-trattazzjoni finali dwar id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti fejn cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ghax fuq dan ukoll ma sarx appell mill-appellat odjern.

Il-Qorti invece sejra tghaddi biex tiddeciedi l-meritu ta' dan l-appell billi tezamina wiehed wiehed l-aggravji sollevati mill-appellant.

Ikkunsidrat:-

Fir-rigward ta' l-<u>ewwel aggravju</u> huwa minnu illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx b'mod specifiku l-element ta' indipendenza bhala wiehed mill-elementi essenzjali ghall-protezzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Diversi mill-osservazzjonijiet minnha maghmula pero' fic-cahda ta' l-ilmenti tar-rikorrenti jghoddu wkoll bhala osservazzjonijiet validi biex ikun sodisfatt l-ezami ta' dan l-element. Effettivament l-istess rikorrenti fis-sottomissjonijiet minnu maghmulha quddiem il-Prim'Istanza wkoll jittratta z-zewg elementi ta' l-imparzjalita' u l-indipendenza kwazi kwazi fl-istess kuntest hlief fejn isemmi s-

sentenza tal-Qorti Ewropea tat-8 ta' Lulju 1996 in re "Lithgow and others vs United Kingdom".

Dan l-element ta' indipendenza pero' sejjer jigi ezaminat minn din il-Qorti b'riferenza partikolari ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea u ghall-kummentarji li saru fir-rigward.

> "*In a group of related cases, the Court found that the presence of civil servants on an adjudicating tribunal did not, of itself, taint the Tribunal provided that there were appropriate guarantees of their independence, including a prohibition on public authorities from giving them instructions concerning the exercise of the judicial conscience.* ("The European Convention on Human Rights" - Second Edtion - Jacobs & White, Clarendon Paper Backs, Page 138 - fejn dawn l-awturi jikkwotaw din il-kazistika Ewropea "Ettl and Others vs Austria" - 23rd April 1987; "Erkner and Hofauer vs Austria" 23rd April 1987; u "Poiss vs Austria" - 23rd April 1987)."

Mehudin il-fatturi kollha msemmija minn dawn l-awturi din il-Qorti thoss illi ma tarax kif dan l-element ta' Qorti indipendenti seta' b'xi mod kien nieqes fil-Qorti kif komposta, sew

kolleggjalment sew individwalment, li ddecidiet il-kawza Citazzjoni Numru 780/95. "*Il-Qorti Kostituzzjonali hija Qorti mwaqqfa b'ligi, infatti l-oghla ligi tal-pajjiz filwaqt illi hija Qorti indipendenti peress illi hija komposta minn tlett Imhallfin li l-indipendenza taghhom hija wkoll garantita mill-istess Kostituzzjoni.*" (Rikors 736/00 "Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali" - Prim'Awla 4/9/00). (Ara f'dan il-kuntest partikolarment l-Artikoli 97 (2) u 107 ta' l-istess Kostituzzjoni). Il-fatt illi l-istess Imhallfin huma inizjalment appuntati ghall-kariga taghhom mill-Ezekuttiv (Artikolu 96 (1) tal-Kostituzzjoni) li, incidentalment, japplika wkoll ghall-istess appellant, qatt ma gie b'xi mod interpretat li kien qed jeffettwa r-rekwiziti ta' dan l-element anqas mil-lat ta' apparenza ta' indipendenza. L-istess awturi fuq kwotati dwar dan l-element ta' l-indipendenza jiddikjaraw:

> "*Relevant factors in determining the independence of an adjudicating body are the manner of appointment and duration of office, the existence of guarantees against outside interference, as well as the appearance of independence.*" (Pagna 138).

Quddiem il-Kummissjoni Ewropea fil-kaz imsemmi mill-appellant ta' "Bramelid & Malmström vs Sweden" gie ritenut:

> "*In the opinion of the Commission, the arbitrators may be regarded in this case as being independent of the executive, since the law allows them complete freedom to assess the evidence in the case referred to them.*"

Il-Kummissjoni osservat ukoll illi:

> "*The Commission observes that there is a functional relationship between independence and impartiality, the former being essentially a precondition for the latter*",

u ghalhekk, apparti mill-konsiderazzjonijiet fuq maghmula f'dan ir-rigward, l-aspett ta' jekk l-element ta' indipendenza giex sodisfatt peress illi l-Ezekuttiv f'din il-kawza huwa wkoll wiehed mill-partijiet sejjer jigi ezaminat minn din il-Qorti aktar tard f'din is-sentenza fil-konsiderazzjonijiet li sejra taghmel proprju fuq il-partecipazzjoni ta' l-istess Ezekuttiv fis-surrogi impunjati u jekk din il-partecipazzjoni illeditx id-dritt ta' l-appellant ghal smiegh xieraq.  Fil-kaz l-iehor imsemmi mill-appellant ta' in re "Lithgow and others vs United Kingdom" il-

Qorti Ewropea sabet li ma kien hemm ebda ksur taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni w il-Qorti ma tarax kif l-istess appellant jista' jigbed argument *contrario senso*, kif ighid hu stess, minn din is-sentenza u dana f'materja tant specifika u delikata. Huwa ovvju illi l-punti kollha fuq menzjonati li principalment jirrigwardaw il-mod ta' kif gudikant jigi appuntat ghall-kariga tieghu japplikaw *multo magis* fejn dak li qed jigi dibattut huwa l-mod ta' kif gew determinati l-funzjonijiet partikolari ta' Imhallfin indipendenti. Fil-kaz "Sutter vs Switzerland" il-Kummissjoni Ewropea osservat:

> "... *judge's independence does not necessarily imply ... that he cannot be given other duties without his consent*." [Numru 8209/78 - 16 DR 166 (1979)].

Ukoll fil-kaz "Santshi vs Switzerland" gie ritenut illi l-fatt illi c-Chief Military Prosecutor seta' jigi facilment trasferit mill-ezekuttiv in vista ta' l-esigenzi tas-servizz tieghu ma kienx "*of great relevance to the case before it*".

Taht dan l-aggravju u partikolarment in vista' ta' l-ilment ta' l-appellant illi n-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti wassal biex hu tilef id-dritt tad-*doppio esame*, apparti mill-osservazzjonijiet fuq

maghmulha din il-Qorti zzid illi: "*The Convention does not oblige contracting states to institute several levels of jurisdiction...*" (applikazzjoni 7211/75 - 6 ta' Ottubru 1976 ikkwotata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "Mallia vs Onorevoli Prim Ministru" tal-15 ta' Marzu 1996). Ovvjament dment li dejjem jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali kontenuti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju huwa respint.

Ikunsidrat:-

It-<u>tieni aggravju</u> ta' l-appellant, kif fuq imsemmi, jikkonsisti billi, skond hu, l-Ewwel Qorti injorat is-sottomissjonijiet tieghu in kwantu l-allegat nuqqas ta’ imparzjalita' tal-Prim Imhallef fil-partecipazzjoni tieghu fis-surroga ta' l-Imhallfin biex jisimghu l-kaz ta' l-istess appellant. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant f'dan ir-rigward. L-imparzjalita' tal-Prim Imhallef giet ezaminata mill-Ewwel Qorti sew taht it-test oggettiv sew taht dak soggettiv tant illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi: "*Il-preokkupazzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward huwa infondat*." Ma' dan is-sentiment din il-Qorti ftit li

xejn tista' zzid hlief ghal dak li sejjer jinghad fil-paragrafi sussegwenti.

Din il-Qorti thoss illi fit-trattazzjoni tieghu l-appellant jonqos milli jaghmel id-distinzjoni bejn partecipazzjoni fuq il-meritu tal-kaz u partecipazzjoni li hija wahda semplicement procedurali. Kien proprju ghaliex hass bhala Deputy Chairman tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja seta' esprima xi opinjoni fuq il-kaz ta' l-appellant illi l-Prim Imhallef accetta eccezzjoni ta' rikuza. Fir-rakkommandazzjoni minnu maghmula dwar is-surrogi pero' l-Prim Imhallef ma ppartecipa bl-ebda mod la dirett u anqas indirett fid-deliberazzjoni tal-meritu tal-kaz li kienet pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u din hija proprja d-distinzjoni essenzjali u principali bejn dan il-kaz u l-kaz ta' "Daktaras vs Lithuania" imsemmi mill-appellant u li gie ezaminat mill-Ewwel Qorti. F'dak il-kaz il-President tal-Qorti kien a dirittura ghamel ir-rakkommandazzjoni tieghu dwar il-meritu tal-kaz qabel ma nnomina l-komponenti tal-Qorti li kellha tezamina l-istess kaz. F'dan il-kuntest il-Qorti sejra tikkwota mill-ktieb "European Human Rights Law" - Text and Materials - Janice, K & Bradley, Oxford University Press, 1995 - pagni 406 u 407:

"*In later cases the Court has further developed a framework for dealing with these questions. In "Hauschildt vs Denmark" it was held that the mere fact that the Danish Judge had made preliminary decisions in a criminal case, including decisions on the custody of the accused, did not, under Article 6, prevent such a Judge from presiding at the trial.*"

"*The European Court found the case distinguishable from "De Cubber" in that the measures taken were limited and formal whereas in "De Cubber" the Judge had carried out extensive investigations in the case, including numerous interrogations of the accused.*"

Ukoll l-awturi Jacobs & White fil-ktieb fuq ikkwotat pagna 139:

"*In the "Nortier Case" the Court said that the crucial question was not whether there were subjective apprehsensions of the individual, but whether, in the particular circumstances of the case, the individual's fears could be held to be objectively justified. The structural independence emphasised in "De Cubber" is being eroded. In "Nortier" there was seen to be no*

> *difficulty in a Juvenile Court Judge being involved as Investigating Judge, Review Judge, and Trial Judge in the same case.*"

Il-kaz odjern huwa wkoll facilment distingwibbli mill-kaz "Piersack vs Belgium" imsemmi mill-appellant. F'dak il-kaz l-Imhallef kien precedentement il-"*procureur du Roi*" li ttratta l-meritu ta' l-istess kaz u kien ghalhekk illi l-Qorti Ewropea sabet ksur ta' l-Artikolu 6 in vista tan-nuqqas ta' imparzjalita' oggettiva. Il-fattispecie tal-kaz "Langborger vs Sweden" ukoll ma jinkwadrawx ruhhom fil-kuntest tal-fatti tal-kaz odjern. F'dak il-kaz il-Qorti Ewropea sabet nuqqas ta' imparzjalita' oggettiva fir-rigward ta' zewg *lay assessors* (u mhux fir-rigward taz-zewg *professional judges*) li kienu gew nominati minn zewg assocjazzjonijiet li kellhom interess fl-ezitu tad-decizjoni. Ta' rilevanza ghall-kaz odjern u ghal dak li diga' intqal f'din is-sentenza hija l-konnessjoni intima bejn il-kuncetti ta' "indipendenza" w "imparzjalita'" u kif dawn jistghu jaffettaw id-dritt ghal smiegh xieraq. Fl-ezami ta' dan il-kaz l-awtur Vincent Berger ("Case Law of the European Court of Human Rights" - Vol. II, page 145) ighid:

> "*As regards the lay assessors, the Court considered it difficult in this case to dissassociate the question of impartiality from that of independence.*"

U aktar tard:

> "*It accepted, however, that their independence and impartiality might be open to doubt in a particular case.*".

Din il-Qorti tosserva pero' li mod Imhallfin li huma *lay assessors* u mhux *professional judges* kif inhuma l-Imhallfin ta' pajjizna li huma nominati u ghandhom l-indipendenza u l-imparzjalita' taghhom garantita mill-oghla ligi tal-pajjiz l-istess Kostituzzjoni.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija ghalhekk anke t-tieni aggravju qed jigi respint. Jinghad illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ghandhom iwasslu wkoll ghac-cahda tat-<u>tielet aggravju</u> u dana minghajr ebda bzonn ta' ezami ulterjuri peress illi dawn l-istess konsiderazzjonijiet ikopru wkoll dan l-aggravju.

Ikkunsidrat:-

Din il-Qorti sejra issa tikkonsidra r-raba' aggravju. L-appellant principalment jekk mhux unikament jibbaza dan l-aggravju tieghu fuq il-proviso ta' l-Artikolu 101A (3) tal-Kostituzzjoni. Apparti mill-konsiderazzjonijiet l-ohra maghmula f'din is-sentenza u mill-osservazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti Ewropea "Lithgow and others vs United Kingdom" u tad-decizjoni tal-Kummissjoni "Bramelid and Malmström vs Sweden", dan l-aggravju ta' l-appellant irid ta' bilfors jigi respint ghax, kif jammetti huwa stess fit-trattazzjoni li saret quddiem dan l-appell, f'dawn il-proceduri mhuwiex l-Artikolu 101A li qed jigi attakkat fil-generalita' tieghu u partikolarment il-proviso ta' dan l-Artikolu izda specifikament il-mod ta' kif saru s-surrogi f'dan il-kaz partikolari. Issa, jirrizulta mill-provi kollha prodotti, illi f'din il-kawza l-Ministru tal-Gustizzja qaghad fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Prim Imhallef fil-parir li huwa ta lill-President tar-Repubblika u ma rrikorrix ghall-proceduri msemmija fl-istess proviso. Fil-fehma ghalhekk ta' din il-Qorti, ezami ta' l-istess proviso u ta' l-Artikolu 101A li ma giex applikat fil-kaz in kwistjoni u li l-kostituzzjonalita' tieghu mhux qed tigi kkontestata f'din il-kawza jmur *ultra petita* l-proceduri odjerni.

Finalment, fil-hames aggravju l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament dak li ssottometta dwar in-nuqqas ta' *equality of arms* bil-mod kif saru s-surrogi. Fl-ewwel lok il-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita illi l-intimat Avukat Generali ma kien bl-ebda mod involut fix-xelta ta' l-Imhallfin li gew surrogati. Il-partecipazzjoni tieghu kienet totalment passiva u kienet limitata biss biex jezamina giex segwit id-dettam tal-ligi bil-mod formalistikament korrett u cioe' li verament saret ir-rakkommandazzjoni tal-Prim Imhallef lill-Ministru tal-Gustizzja li da parti tieghu ta l-parir necessarju lill-President tar-Repubblika. Se mai l-partecipazzjoni ta' l-istess appellant kienet aktar attiva minn dik tal-kontro-parti peress illi huwa ta eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront tal-Prim Imhallef u ta' l-Imhallef Agius liema eccezzjoni giet accettata u seta' (pero' dan m'ghamlux) ta wkoll l-eccezzjoni ta' rikuza fil-konfront ta' l-Imhallfin li gew fil-fatt eventwalment surrogati. L-awturi Jacobs & White fil-ktieb taghhom fuq ikkwotat (pagna 124) hekk jiddeskrievu dan l-element ta' *Procedural Equality* li gie l-ewwel imsemmi mill-Qorti Ewropea fil-kaz "Neumeister vs Austria" (27 ta' Gunju 1968):

> "*The concept of equality of arms (egaliteé des armes) was first mentioned in the Neumeister case and has*

*been a feature of Article 6 (1) ever since. It requires a fair balance between the parties and applies to both civil and criminal cases. In the context of civil cases between private parties the Court has said: "The Court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, 'equality of arms' implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case - including his evidence - under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-a-vis his opponent."*"

Dawn il-principji ghandhom ukoll japplikaw f'kazijiet amministrattivi u kostituzzjonali. Ma hemmx dubbju fil-fehma ta' din il-Qorti illi l-possibbilitajiet kollha gew moghtija lill-appellant fil-kawza Citazzjoni Numru 788/95 biex huwa jkun jista' jikkonduci l-kaz tieghu b'mezzi li ma kienux anqas jew inferjuri minn dawk moghtija lill-kontro-parti. Mhux hekk invece fil-kaz imsemmi mill-istess appellant ta' "<u>Foucher vs France</u>" fejn f'dak il-kaz f'kawza kriminali l-imputat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' pajjizu kien gie negat id-dritt li jkollu access ghall-process u ghad-dokumenti hemm esebiti.

> "*The Court therefore considered that it had been important for the applicant to have access to his case file and to obtain a copy of the documents it contained in order to be able to challenge the official report concerning him.*" ("Foucher vs France" - Qorti Ewropea - 18 ta' Marzu 1997).

Il-principju ta' l-*equality of arms* infatti gie hekk deskritt f'din is-sentenza:

> "*The Court reiterated in this connection that according to the principle of "equality of arms", as one of the features of the wider concept of a fair trial, each party had to be afforded a reasonable opportunity to present his case in conditions that did not place him at a disadvantage vis-a-vis his opponent.*"

Din il-Qorti jidhrilha illi dan il-principju gie skrupulozament u kompletament osservat fil-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Citazzjoni Numru 780/95 "Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Onorevoli Prim Ministru" u ghalhekk anke dan l-aggravju huwa nfondat.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija in aggiunta mar-ragunijiet moghtija fil-Prim'Istanza l-appell huwa michud u s-sentenza appellata kkonfermata fil-meritu bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant filwaqt illi l-ispejjez tal-Prim'Istanza jithallsu kif minnha deciz.

Deputat Registratur

rf.